# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 119/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Richard Sciberras**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Richard Sciberras**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 22974(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

<u>nhar is-7 ta' April 2019 għall-ħabta ta' nofsinhar ġewwa Ħal-Qormi</u>:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Renald Baldacchino f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr. Karim Abdalla MD;

nhar is-7 ta' April 2019 u fix-xahar ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess żminijiet u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

u kif ukoll talli:

4. irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' April 2019, fejn il-Qorti, *"wara li rat l-Artikoli 28A, 49, 216, 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 292/1939 li jemendaw l-istess, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat ħati u wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu jibbenefika wkoll mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, (1) tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija li bl-applikażżjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' snin u (2) tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn mil-lum, f'liema żmien l-imputat għandu jkun segwit u jingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandu bżonn wara evalwazzjoni appożita. Il-Qorti spjegat fi kliem ċar l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jiġri f'każ li ma jottemporax ruħu ma' din is-sentenza."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-29 ta' April 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha 1.* ***Tiddikjara*** *s-sentenza appellata nulla u bla effett u tipproċedi billi tiddisponi mill-każ skont il-Liġi;* ***JEW*** *2.* ***Alternattivament tirriforma*** *s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti tal-ħtija u tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta timponi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u fl-istess seduta l-konsulent legali tal-appellat għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikoli kollha tal-liġi li taħthom instabet ħtija fl-appellat. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-artikolu li jikkontempla l-offiża fuq il-persuna. Jargumenta li skont Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan huwa nuqqas sostanzjali u li jġib in-nullita' tas-sentenza. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti semmiet kemm Artikolu 216 kif ukoll Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-leġislatur jiddistingwi bejn l-offiża gravi u dik gravissima għaliex dawn għandhom effetti differenti u jġorru pieni differenti. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti qalet li l-appellat kellu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta dan l-artikolu tal-Kapitolu msemmi jkopri sitwazzjoni fejn l-ammenda jew il-multa ma titħallasx. Jisħaq li r-riferenza kellha tkun għall-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant Avukat Ġenerali jargumenta wkoll li s-sentenza appellata hija nulla wkoll għaliex filwaqt li l-Qorti kkundannat lill-appellat għal piena ta' priġunerija sospiża hija wkoll poġġietu taħt Ordni ta' *Probation*. Jgħid li Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li l-Qorti tista' minflok tagħti sentenza dwar il-ħati tagħmel Ordni ta' *Probation* u li minn naħa l-oħra Artikolu 28A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li Qorti ma għandhiex tittratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija tkun aktar xierqa. Jgħid li sentenza sospiża mhijiex sentenza leġġera iżda hija waħda ekwiparabbli għal piena ta' priġunerija effettiva.

Jgħid li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tagħti sentenza sospiża u Ordni ta' *Probation* flimkien.

Illi b'hekk l-appellant Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti tal-ħtija u tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta timponi piena skont il-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell tal-Avukat Ġenerali billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li meta fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat Sciberras fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, hija qalet hekk: *"wara li rat Artikoli 28A, 49, 216, 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 292/1939 li jemendaw l-istess, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat ħati u wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu jibbenefika wkoll mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta....".* Minn dak li ġie appena kkwotat, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata:

- L-Ewwel Qorti naqset li ssemmi Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-artikolu li jikkontempla l-offiża fuq il-persuna;

- Minkejja li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 292/1939, hija naqset li

ssemmi l-Artikoli tal-liġi li minnhom jemerġu t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u dana minkejja li nstabet ħtija fl-appellat fihom;

- L-Ewwel Qorti naqset li tiddistingwi bejn Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddeskrivi meta l-offiża hija gravi u ġġorr piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin, minn naħa Artikolu 218 tal-istess Kapitolu jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn l-offiża gravi tista' ġġib debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż u ġġorr piena minn ħamsa sa għaxar snin;

- L-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet meta dan ma għandu l-ebda rilevanza għal każ odjern pero' jidher biċ-ċar li l-Ewwel Qorti riedet tagħmel riferenza għal Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza

għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ssemmi Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u n-nuqqas tagħha li ssemmi l-Artikoli tal-Liġi li minnhom jemerġu t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni (li tagħhom instabet ħtija) iwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Apparti minn dan, din il-Qorti tissottolinea li l-Ewwel Qorti kellha tagħżel bejn Artikolu 216 u Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba d-differenza fl-elementi u fil-piena. Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti abbraċċjat l-insenjament hawn fuq ikkwotat, b'hekk isegwi li hija ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar il-bqija li ġie sottomess fir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien

immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fis-sens li qed tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**